MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 2466/1996/1

**Marthese Vella, f'isimha propju u bhala kuratrici *ad litem* ta' uliedha minuri Matthew u James**

**Vs**

**George Vella**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attrici u l-konvenut izzewgu nhar l-4 ta' Lulju 1987 (Dok. A) u miz-zwieg taghhom ghandhom zewgt itfal minuri li jisimhom Matthew u James (Dok. B u Dok. C);

Premess illi l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba ngurji gravi, theddid, vjolenza u inkompatibilita` ta' karattru imputabbli lill-konvenut;

Premess illi l-attrici ghamlet minn kollox sabiex issalva z-zwieg u ghamlet sagrificcji kbar izda kien kollu ghalxejn ghaliex il-konvenut baqa' jghix fl-izball u ma riedx jikkopera;

Premess illi l-attrici tghix flimkien ma' uliedha minuri fil-fond taz-zwieg u cioe` Nashville, Triq il-Fieres, Hal Kirkop;

Premess illi l-konvenut ghandu post iehor fejn jghix u cioe` maz-zijiet tieghu li rabbewh kif ukoll ghandu hanut li jista' jikkonvertih f'residenza;

Premess illi l-konvenut jahdem b'job fiss u ghandu wkoll hanut fuq bazi part-time;

Premess illi l-attrici ma taghmilx xoghol bi qliegh ghaliex trid tindokra liz-zewg uliedhom minuri;

Premess li l-attrici ottjeniet l-awtorizazzjoni tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, permezz ta' digriet numru 786/96, sabiex tkun tista' tghaddi ghas-separazzjoni personali mill-konvenut;

Talbet ghalhekk l-attrici *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali tal-kontendenti ghar-ragunijiet premessi u minhabba htijiet tal-konvenut;

2. Takkorda l-kura u l-kustodja taz-zewg minuri Matthew u James lill-attrici b'dak l-access xieraq ghall-konvenut;

3. Tordna li l-attrici flimkien ma' uliedha minuri tibqa' tghix fir-residenza Nashville, Triq il-Fieres, Hal Kirkop b'eskluzjoni mill-istess dar lill-konvenut;

4. Tokkorda lill-attrici u lill-minuri fuq imsemmija dak il-manteniment xieraq skond il-ligi;

5. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet u tassenja nofs kull wiehed minnha lill-partijiet;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici *proprio et nomine* u l-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi jekk is-separazzjoni ghandha tigi dikjarata, din ghandha tkun minhabba htijiet imputabbli lill-istess attrici;

2. Illi mhux minnu li l-attrici ma tistax tahdem;

3. Illi d-dar konjugali hija parafernali tal-konvenut u ghalhekk ma tistax tigi allokata lill-attrici;

4. Illi l-missier huwa idoneu, aktar mill-attrici biex jiehu hsieb il-minuri uliedu;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tal-11 ta' Frar 1998 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea biex tigbor il-provi;

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet ipprezentati mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

F'din l-istanza l-attrici qeghda titlob is-separazzjoni personali mill-konvenut zewgha fuq l-addebitu ta' ingurji gravi, theddid, vjolenza u inkompatibilita` tal-karattru;

Qabel ma jigu ezaminati kull wiehed minn dawn l-addebiti jinhass opportun illi l-Qorti tissottolinea dawn l-enuncjazzjonijiet generici tal-principji f'materja ta' separazzjoni personali, kif, akkolti mill-gurisprudenza:-

I. "Il-ligi tqiegheD bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja kkonjugali u mhux incidenti ta' importanza minuri", ("**Caterina Agius -vs- Benedict Agius**", Prim' Awla, Qorti Civili, 13 ta' Gunju 1967);

II. "*La prova consentita dall'articolo 577 del Codice di Procedura Civile (*illum Artikolu 565 tal-Kapitolu 12*) e` da accogliersi colla medesima cautela e cirospezione, dipendendo la sua efficacia principalmente dalle deduzioni che una sana critica, tenuto conto dell'interesse manifesto del deponente, puo` inferire dalla verosimiglianza del racconto, della corroborazione di quella prova e sopra tutto dal confronto della deposizione di ciascuno dei contendenti; ma e` pur vero che in casi simili alla fattispecie i fatti su cui puo` raggirarsi la deposizione del coniuge instante per la separazzione personale dall'altro coniuge, si svolgono generalmente entro il segreto delle pareti domistiche ...*" ("**Giovanna Rosa Farrguia -vs- Salvatore Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, 7 ta' Marzu 1919);

Il-Qorti allura trid necessarjament tkun gwidata mill-provi prodotti quddiemha u taghtihom dak il-piz li hu normalment mistenni f'sitwazzjonijiet ta' din in-natura. Apprezzament dan oggettiv u fattwali, mizurat mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari;

Issa dwar l-addebitu ta' l-ingurja gravi l-attrici tattribwixxi ghira qawwija f'zewgha. Dan il-fatt hu ammess mill-istess konvenut (fol. 158) kif hekk hu koncess minnu li kien

jghasses lil martu. Mill-kumpless tal-provi jidher li din kienet il-kawza principali tad-dizgwid bejn il-kontendenti u li wasslet ghat-tifrik taz-zwieg;

Hemm imbaghad f'dan il-kuntest l-istqarrija ta' l-attrici li fil-hajja intima hi kienet thossha uzata, konbaccjat mal-fatt, mhux negat, illi l-konvenut kien irid jiffilmjaha. Dan il-fatt hu wkoll accettat mill-konvenut pero` jzid jghid li dan kien isir fuq insistenza ta' martu;

Kif jinsab osservat "l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom. Fil-hsieb konsiderat tal-Qorti, certament l-ingurja lancjata mill-konvenut lill-attrici li hija ghandha wic bniedem iehor innominat, imma dezinjabbli indirettament ... jikkostitwixxi ngurji ta' certa gravita` li jweggha l-qalb u jirrendi l-konvivenza komuni difficli" - "**Maria Mifsud -vs- Vincenzo Mifsud**", Prim' Awla, Qorti Civili, 30 ta' Gunju 1961;

Hekk ukoll jirrizulta li hu l-kwadru f'din l-istanza. Il-konvenut jixhed illi ghalkemm qatt ma ra xejn hazin f'martu pero` jzid jghid illi kien hemm ragel iehor. U daqqa jirreferi ghal wiehed gar li jrabbi l-fniek u daqqa certu Raymond, ghalkemm qatt ma ra lil martu maghhom. Dan dejjem fuq suspett, telefonati anonimi minn ragel li ma riedx jaghtih ismu, pedinagg u segwiment li ma tah l-ebda rizultat, il-kont esagerat tat-"*telecell*" ta' martu. Dan kollu bla korroborazzjoni ta' xejn;

Cionostante, anke fil-korp tan-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tieghu (fol. 234), issokta d-dozagg fuq il-"komportament libertin ta' l-attrici", in-nuqqas tal-fedelta` taghha, il-kunfidenzi lill-irgiel ohra u riflessjonijiet konsimili fuq l-imgieba ta' martu. Tant li jasal biex gratuwitament javvanza l-asserzjoni illi "l-attrici telqet mid-dar biex ma jkollhiex taghti kont ta' l-imgieba taghha lil zewgha. Telqet mid-dar ghaliex riedet l-ispazju taghha biex taghmel dak li jidhrilha u tehles minn kull irbit";

Huwa assodat fil-gurisprudenza ta' dan il-Qrati illi meta wiehed mill-konjugi jakkuza, jallega, jew jaddebita relazzjonijiet extra- maritali, una volta imbaghad dawn ma jigux provati lanqas permezz ta' xi ndizji precizi u konkordanti, dan jikkostitwixxi ingurja gravi, li anke wahedha taghti lok ghas-separazzjoni ("**Sarah Formosa -vs- Harry Formosa**", Appell Civili, 6 ta' Gunju 1969; "**Dr. Victor Randon -vs- Josephine Randon**", Appell Civili, 19 ta' Novembru 1976; "**Doris Mizzi -vs- Mario Mizzi**", Appell, 19 ta' Mejju 2000);

Hemm, imbaghad, bhala aggravament ta' din l-ingurja l-fatt li r-ragel jirrepeti din l-allegazzjoni fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu jew f'nota ta' l-osservazzjonijiet bhala mezz difensjonali, ("**Carmela Falzon -vs- Paolo Falzon**", Appell Civili, 17 ta' Jannar 1959);

L-attrici taddebita wkoll it-theddid u l-vjolenza. Fil-fehma tal-Qorti dawn, anke jekk jezistu - it-tkissir fid-dar, l-incident tat-8 ta' Awissu 1999 (*ex post facto* t-tehid tal-proceduri) - nonostante l-izmentita tal-konvenut (fol. 134) li, anzi, isostni li martu refghet idejha fuqu, ma jidhrix li dawn kienu atti ripetuti. F'dan il-kuntest il-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima. ("**Antonia Mifsud -vs- Giuseppe Mifsud**", Appell Civili, 21 ta' Frar 1969);

L-attrici adduciet ukoll l-inkompatibilita` tal-karattru. Tiddeskrivi lil zewgha bhala li ghandu karattru stramb, xhih maghha u ma' uliedu, assoggettat ghal volonta` ta' zijietu xebbiet li rabbewh. Minn naha tieghu l-konvenut baqa' jzomm l-atteggjament ta' opposizzjoni ghal dak addebitat lilu minn martu. Anzi jafferma l-kuntrarju. Hu jakkuza lil martu li din kienet halja u soggetta ghall-indhil tal-genituri taghha;

Issa "*l'incompatibilita` di carattere non costituisce motivo per cui la legge accorda il diritto alla separazione personale, pure la stessa non puo` non essere presa nella debita considerazione dalla Corte per la valutazione della gravita` delle cause che avessero determinato una delle parti ad adire il tribunale per ottenere la separazione*"

("**Marianna Attard -vs- Achille Attard**", Prim' Awla, Qorti Civili, 16 ta' Novembru 1932;

Jirrizulta mill-provi, senjatament ix-xhieda ta' l-attrici (fol. 31 u fol. 168) u Mary Attard (fol. 32 u fol. 174) illi l-konvenut kien ihalli lil martu nieqsa mill-flus, tant li lanqas meta talbitu flus ghal kura tat-tifel ma ghaddielha xejn. Minn naha l-ohra l-konvenut jghid li kien jissomministralha hamsin lira Maltija (Lm50) kull hmistax (fol. 155);

Il-Qorti tasal biex taghti affidament lix-xhieda ta' l-attrici u dawk tal-familjari taghha illi l-konvenut kien xhih u jonfoq biss ghalih ghax skond zijietu hu qed jahdem ghalihom u jaqla' l-flus. Ix-xehha pero` ma tistax f'dn il-kaz tigi kwalifikata taht l-ebda wiehed mill-kapi addebitati mill-attrici, in kwantu din pjuttost tirrientra fost il-motiv ta' l-eccessi jew tas-sevizji, u dawn il-motivi ma gewx avvanzati minnha. "*L'avarizia, quando e` portata agli eccessi, puo` essere cagione di continue ed incessanti molestia e sevizie ...*" (**Vol. IX p 418; Vol. XXVIII P II p 441; Vol. XLVIII P I p 353**);

Il-Qorti pero` ma tistax ma tinnotax minn dak trapelat mill-provi illi z-zewg kontendenti ppremettew, min mod u min iehor, certu indhil zejjed mill-familjari taghhom f'diversi kwestjonijiet li kienu jolqtu l-hajja konjugali. Indhil li ssokta jgharraq ir-relazzjoni ta' bejniethom;

Konsiderat kollox ma' kollox fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-atteggjament ta' l-attrici deher aktar frank, sincier u konvincenti. Dan jinduci lill-Qorti tirritjieni l-affermazzjonijiet taghha bhala aktar veritieri minn dawk tal-konvenut li addotta l-attitudni li, eccettwata l-ghira konfessata minnu, jinnega kollox. Kompriz, *ad exemplum*, li refa' idejh fuq martu anke meta f'dan jinsab kontraddett mill-okkorrenzi (fol. 185) u c-certifikat mediku (fol. 70). Dawn l-istess affermazzjonijiet jattribwixxu forza probatorja bastevoli biex jiggustifikaw l-addebiti, ghallanqas dik ta' l-ingurji gravi, mill-attrici dedott kontra l-konvenut;

Kwantu ghal manteniment il-Qorti tosserva li ras ghal ras il-konvenut idahhal mill-impjieg medja ta' hamest elef u mitt lira (Lm5100) fis-sena li wara li jitnaqqsu t-taxxa u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali jibqalu f'idejh cirka erbat elef u tlett mitt lira (Lm4300) netti.  Dan apparti dhul iehor mill-hanut tal-confectionery mikri lilu minghand iz-zijiet tieghu.  Il-Qorti ma temminx lill-konvenut meta dan jghid li mill-qliegh ta' dan il-hanut ma jiehu xejn (fol. 87). Dan aktar u aktar meta l-esebizzjoni ta' l-accounts promessa minnu (fol. 79) baqghet ma saritx;

Mill-provi jirrizulta illi l-attrici ma tahdimx u z-zewg ulied ghadhom minorenni, wiehed minnhom bi bzonnijiet medici specjali;

Il-fatt li l-mara ma tahdimx ma jfissirx li din ma ghandhiex il-potenzjal li tahdem u tiggenera introjtu;

It-tibdil legislattiv filwaqt li rrikonoxxa l-avvanz tal-mara gab mieghu wkoll responsabilitajiet fuq il-mara mizzewga ferm aktar milli kellha qabel.  Dawn ir-responsabilitajiet huma riflessi wkoll anke fejn jirrigwarda l-manteniment.  Li jfisser li hi wkoll trid terfa' bhal zewgha r-responsabilita` ghal dak li jirrigwarda l-manteniment tal-familja. (Ara decizjoni fl-ismijiet "**Doris Tabone -vs- Carmelo Tabone**", Appell, 15 ta' Dicembru 1997;

Dan hu hekk in principju.  Fuq il-fatti tal-kaz u *rebus sic stantibus* tezisti raguni sufficcjenti biex il-konvenut jippresta manteniment kemm ghal martu kif ukoll ghal uliedu.  Konsiderat li fl-1996 s-Sekond' Awla kienet approvat is-somma komplessiva ta' tletin lira Maltija (Lm30) fil-gimgha, hu gust u xieraq li din illum tawmenta ghal hamsin lira Maltija (Lm50) fil-gimgha konsiderat it-trapass taz-zmien, il-htigijiet ta' l-ulied u l-fatt ukoll li l-konvenut qed jigi ritenut unikament responsabbli ghas-separazzjoni bejnu u martu;

Dwar il-kura, kustodja u access tat-tfal ma jidhirx li jezisti kuntrast bejn il-partijiet u ghalhekk fir-rigward il-Qorti ser tapplika dak dettat fid-digriet tas-Sekond' Awla (fol. 6 tal-process), accettabbli wkoll mill-partijiet;

Kwantu ghad-dar matrimonjali huwa minnu li l-art li fuqha nbniet tinsab registrata f'isem il-konvenut, akkwistata qabel iz-zwieg. B'danakollu hu stess jirrikonoxxi li din inxtrat fuq ismu ghax l-gharusa kienet taht l-eta` (fol. 80), tant li aktar tard jiddikjara li "bhala proprjeta` tal-komunjoni ghandna d-dar matrimonjali" (fol. 162). Jichad kemm jichad li martu harget flejjes ghall-izvilupp ta' l-art u l-bini tad-dar (fol. 80) il-provi juru ghal kuntrarju li maggorment kienet l-attrici u l- genituri taghha li kkontribwew ghaliha. Il-verita` hi dik mistqarra minnu stess proprju fl-ewwel Affidavit tieghu prezentat fit-2 ta' Dicembru 1998 u cioe` li kien minnu li l-art nxtrat minn missier l-attrici fuq ismu "biex tkun taghna t-tnejn";

Il-Qorti ma tistax ma tqisx il-fatt illi l-akkwist ta' l-art sar anke fl-interess ta' l-attrici, li jidher li kienet hi li zborzat il-flus ghaliha, Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna f'kazijiet konsimili illi "l-akkwist ta' immobbli fl-interess ta' haddiehor jiswa avvolja l-ftehim dwar dan l-akkwist bejn l-akkwirent u l-persuna l-ohra ma jkunx sar bil-miktub". Ara fost ohrajn decizjonijiet a **Vol. XXXIV P II p 430; Vol. XXXVII P I p 350; Vol. XXVII P I p 620 u Vol. XXVIII P I p 60**;

Dwar din id-dar l-attrici pproponiet li din tigi diviza u ssostni li dan hu possibbli li jsir billi l-fond ghandu zewg accessi. Skond il-Qrati taghna d-divizjoni ta' fond legalment hi possibbli billi, kif ragjonat, "la l-Qorti ghandha s-setgha li tkecci wiehed jew wahda mill-mizzewgin mid-dar konjugali kollha, hija legalment ghandha ukoll il-poter li tkecci minn parti maqsuma tad-dar" ("**Carmena Mifsud -vs- Cristino Mifsud**", Appll, 14 ta' April 1997);

Il-Qorti ma tikkonsidrax din il-proposta bhala l-aktar wahda idejali fid-dawl tal-fatti maghrufa. Anzi ittendi lejn is-soluzjoni li din id-dar tinbiegh u r-rikavat jinqasam, b'dan illi ser tipprovdi perjodu ragjonevoli ta' zmien biex il-konvenut jilhaq isib sistemazzjoni alternattiva. Dan bis-sahha tas-setgha li l-ligi taghti bl-Artikolu 55(2) tal-Kodici Civili;

Kwantu ghal garage dan ghandu jinbiegh u d-dhul percepit diviz wara li minnu jigi skontat l-ammont dovut liz-zijiet tal-konvenut;

L-effetti komuni komprizi l-oggetti li nghataw lil-koppja miz-zijiet tal-konvenut ghandhom jew jimbieghu skond stima jew divizi bonarjament bejn il-kontendenti jekk huma jhossu li din ta' l-ahhar tkun l-aktar u l-ahjar soluzzjoni prattikabbli. F'kull kaz il-konvenut ghandu jrodd b'effett immedjat lil martu l-effetti personali u dotali taghha, u dawk tat-tfal li ghadhom jinsabu fid-dar matrimonjali, u li jinkludu l-affarijiet dettaljati mill-attrici fil-lista taghha a fol. 101 tal-process. Ghandhom jigu divizi wkoll kull depoziti jew investiment bankarju jew ma' kumpaniji.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok tippronunzja l-firda personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut;

Tilqa' it-Tieni Talba u takkorda l-kura u l-kustodja ta' l-ulied minuri Matthew u James lill-attrici b'dan ili qed izzomm ferm favur il-konvenut id-dritt ta' l-access kif iffissat mill-Qorti, Sekond' Awla fid-digriet taghha tas-26 ta' Gunju 1996, salv kull arrangament iehor li l-partijiet jistghu jakkordaw bejniethom;

In vista ta' dak li ser jinghad aktar l-isfel it-Tielet Talba ta' l-attrici qed tigi michuda;

Takkolji r-Raba' Talba billi tordna lill-konvenut jibda jhallas s-somma ta' hamsin lira Maltija (Lm50) fil-gimgha bhala manteniment kwantu ghall-hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) fil-gimgha ghall-attrici personalment u kwantu ghal tnax-il lira u hamsin centezmu (Lm12.50) kull wiehed ghaz-zewg ulied minuri. Dan il-hlas ghandu jsir billi jinqatghu direttament mill-paga tal-konvenut;

Tilqa' l-Hames Talba u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti sa issa ezistenti bejn il-kontendenti u tiddikjara li

din kienet tikkonsisti mill-fond konjugali "Nashville", Triq il-Fieres, Hal Kirkop, l-garage bla numru fi Triq Gdida bla isem fi Triq il-Fieres, Hal Kirkop mixtri b'kuntratt tas-17 ta' Awissu 1992 (fol. 54), il-lokazzjoni tal-hanut f'Anici Street, Hal Qormi, adebit bhala 'confectionery', l-effetti mobbli komuni elenkati fil-listi minn fol. 99 sa fol. 103 tal-process u d-depoziti jew investimenti bankarji jew ishma ma' kumpaniji;

Tiddisponi minn dawn l-assi fil-mod kif gej:-

1. Id-dar matrimonjali "Nashville", Triq il-Fieres, Hal Kirkop ghandha tinbiegh fis-suq liberu u r-rikavat maqsum ugwalment bejn il-kontendenti. Dan il-bejgh ghandu jsir zmien sena millum. F'dan il-perjodu l-konvenut qed jinghata d-dritt ta' l-uzu tal-fond biex ikun in grad isib sistemazzjoni alternattiv. Matul dan il-perjodu l-proprjeta` tad-dar ghandha tibqa' in komuni;

2. Il-garage bla numru sitwat Triq il-Fieres, Hal Kirkop ghandu jinbiegh immedjatament u r-rikavat, wara li jigi saldat il-bilanc tas-self maghmul ghax-xiri tieghu, diviz ugwalment bejn il-kontendenti;

3. L-effetti mobbli kollha ghandhom jigu valutati u l-partijiet jistghu jaghzlu li jiddividuhom bonarjament. Jekk din il-proposta mhix accettabbli jew mhix possibbli l-istess effetti ghandhom jinbieghu u d-dhul percepit ugwalment maqsum. Ghal fini ta' stima taghhom il-Qorti qed tahtar a spejjez komuni lil Alfred Camenzuli;

4. Kwalsiasi depozitu jew investiment bankarju, kif ukoll investiment jew ishma ta' kumpaniji ghandu jigi diviz ugwalment bejn il-kontendenti;

5. L-inkwilinat tal-hanut f'Anici Street, Hal Qormi qed jigi assenjat lill-konvenut b'dan li kull dejn dwaru jibqa' a kariku ta' l-istess konvenut;

6. B'effett immedjat il-konvenut hu ordnat jirrilaxxja liberament a favur l-attrici l-beni parafernali jew dotali taghha, komprizi l-ilbiesi taghha u tat-tfal;

Fl-ahharnett u skond ix-xewqa ta' l-istess attrici fin-nota taghha a fol. 218 tal-process il-Qorti bis-sahha ta' l-Artikolu 62(1) tal-Kodici Civili tawtorizza lill-istess attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha, jigifieri "Attard".

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenut.

---------------------------------TMIEM---------------------------------